71

K

TRIBUNAL GĦAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Fit-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi.

Rikors Nru. CCT 242/13 (JE).

Rita Attard

vs

Klima Technique Co. Ltd. (C 17163).

Illum, 14 ta' April 2014.

It-Tribunal,

Ra l-avviż ta' Rita Attard tat-18 ta' Ottubru 2013 fejn lmentat illi l-airconditioner illi xtrat mingħand is-soċjetà konvenuta ma' baqax ikessaħ u t-tekniku illi ntbagħat mis-soċjetà konvenuta kkonstata illi l-istess "air-conditioner" kien marlu l-kumpressur u minkejja illi dan l-"air-conditioner" kien għadu kopert bil-garanzija, is-soċjetà konvenuta naqset illi ssewwilha l-"air-conditioner" u għaldaqstant, talbet illi tirrifondiha l-prezz imħallas ta' elf mitejn u tmienja u disgħin euro żewġ ċenteżmi (€ 1,298.02) jew "air-conditioner" illi jaħdem u estensjoni tal-garanzija minn Lulju 2013 sa meta l-"air-conditioner" jitranġa.

Ra r-risposta tas-soċjetà konvenuta illi permezz tagħha ċaħdet illi l-"air-conditioner" kellu xi ħsara u dana peress illi l-"air-conditioner" ma ngħatax manutenzjoni adegwata u regulari u minħabba illi kien hemm "surge" fid-dawl. Minħabba f'hekk, l-"air-conditioner" in kwistjoni ma' baqax kopert bil-garanzija.

Ra l-provi tal-partijiet.

Ra r-rapport tekniku ta' l-Inġinier Charles Youssif maħluf fit-3 ta' Jannar 2014.

Ra illi s-soċjetà konvenuta ma' ġabet l-ebda prova in sostenn tal-allegazzjonijiet tagħha u għalkemm fis-seduta tas-27 ta' Jannar 2014 intrabtet illi ser tirrimedja n-nuqqasijiet identifikati fl-"air-conditioner" in kwistjoni, naqset illi tagħmel hekk u ma tat l-ebda spjegazzjoni għal tali nuqqas.

Għar-raġunijiet premessi, it-Tribunal m'għandhux triq oħra ħlief illi jagħmel tiegħu r-rapport tekniku msemmi, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, jordna illi s-soċjetà konvenuta tneħħi l-"air-conditioner" imsemmi mid-dar tal-attur a spejjeż tagħha fi żmien xahar mil-lum u jordna r-rifużjoni

tas-somma ta' elf mitejn u tmienja u disgħin euro żewġ ċenteżmi (€ 1,298.02) li ħallset l-attriċi lis-soċjetà konvenuta bl-imgħax legali mid-data tan-notifika tal-avviż.

Bl-ispejjeż kontra s-soċjetà konvenuta.

Av. Joseph Ellis
Arbitru.